MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Rikors Kongunt Numru. 389/2014

**A B**

**u**

**C maghrufa bhala I B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti li permezz tieghu, wara li ppremettew:

Illi l-kontendenti kienu izzewgu nhar is-sebgha (7) ta’ April elf disgha mija u sitta u sebghin (1976) (Dok A);

Illi l-partijiet isseparaw de facto minn xulxin ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin meta l-esponenti kien telaq mid-dar matrimonjali u minn dik il-gurnata qatt ma rritorna;

Illi barra minn hekk il-kuntratt tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet gie ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri nhar it-tmienja (8) ta' Awissu elfejn u erbatax (2014) (Dok B);

Illi mill-liema zwieg twieldu K A B li ghandu erbgha u tletin (34) sena u P B li ghandha tnejn u tletin (32) sena u ghaldaqstant uliedhom huma maggorrenni;

Illi l-partijet ma ghandhom xejn in kommuni u ma hemm ebda assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

Illi l-ebda manteniment ma hu dovut minn l-ebda parti ghal ohra stante li it-tnejn jahdmu u huma finanzjarjament indipendenti;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu sabiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Settembru, 2014;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-8 ta' Awissu, 2014, izda ilhom ma jghixu flimkien de facto bhala koppja mizzewga ghal dawn l-ahhar ghaxar snin;

Illi ir-rikorrenti ippruvaw wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------